MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 1388/2000/1

**Veronique u Charmaine ahwa Amato Gauci**

**vs**

**Marco u Anna konjugi Zammit**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' April, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fit-28 ta' Settembru, 2000, fejn talbu lil din il-Qorti illi prevja illi jigi ddikjarat illi huma l-konvenuti kkommettew spoll vjolenti kontra l-atturi meta minghajr il-kunsens ta' l-atturi qalghu kaxxa ta' l-ittri tal-posta li tappartjeni lill-atturi u li kienet qeghda mal-

faccata tal-proprjetajiet fejn joqghodu l-konvenuti u l-atturi, li jigu kkundannati jirripristinaw din il-kaxxa fl-istat originali taghha u fl-istess posizzjoni qabel din ma nqalghet u fin-nuqqas li jaghmlu dan fiz-zmien lilhom moghti, li jigu awtorizzati l-atturi jaghmlu dan a spejjez tal-konvenuti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra tas-7 ta' Awissu, 2000, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ghall-fini tal-kompetenza l-ammont ma jeccedix hames mitt lira Maltin (Lm500).

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Marco u Anna konjugi Zammit fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li ma jissustux l-elementi li tikkompla l-ligi f'kawza ta' spoll.
2. Fi kwalsiasi kaz u dejjem minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccepit, il-konvenut Marco Zammit ma kkommetta ebda spoll kif allegat mill-atturi u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li gew ingunti ghas-subizzjoni

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti fejn tablu:

Illi l-konvenuti jridu jipprevalixxu ruhhom minn din in-nota ta' l-eccezzjonijiet sabiex iressqu talba rikonvenzjonali.

Illi l-konvenuti huma proprjetarji tal-fond numru tlieta (3), Saint Andrew's Court, Qawra, limiti ta' San Pawl il-Bahar;

Illi minghajr ebda jedd, l-atturi wahhlu kaxxa ta' l-ittri tal-posta mal-faccata tal-proprjeta' tal-konvenuti;

Jghidu ghalhekk l-atturi ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-atturi m'ghandhom l-ebda jedd li jwahhlu kaxxa ta' l-ittri tal-posta mal-faccata tal-proprjeta' tal-konvenuti;

2. Tawtorizza lill-konvenuti sabiex ghas-spejjez ta' l-atturi jnehhu l-kaxxa ta' l-ittri tal-posta f'kaz li din terga' titqieghed mal-proprjeta' tal-konvenuti;

Bl-ispejjez kontra l-atturi li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ghal finijiet ta' kompetenza gie dikjarat li l-ammont ma jeccedix is-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500).

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' l-atturi rikonvenzjonati ghall-kontro-talba tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi l-kaxxa ta' l-ittri tal-posta ta' l-atturi rikonvenzjonati ma kinitx imwahhla fuq il-faccata tal-proprjeta' tal-konvenuti rikonvenzjonanti, izda fuq hajt ta' tarag komuni fejn kien hemm kaxxa tal-posta imwahhla ghal iktar minn ghaxar snin.
2. Illi t-tieni domanda ghandha tigi michuda bl-ispejjez, ghaliex f'kull kaz hija intempestiva.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident illi gara fit-22 ta' Awissu, 2000, fil-fond Saint Andrew's Court, Triq il-Barnakutli, Qawra, meta gie allegat li l-konvenuti qalghu l-kaxxa ta' l-ittri proprjeta' ta' l-atturi minn mal-hajt fejn kienet orginarjament imqeghda. L-atturi qeghdin jitolbu lil din il-Qorti illi tikkundanna lill-konvenuti jergghu jpoggu din il-kaxxa ta' l-ittri fejn kienet.

Fil-kors tas-smiegh tax-xhieda, l-atturi ppruvaw illi huma kienu fil-pussess tal-kaxxa ta' l-ittri in kwistjoni u almenu sat-22 ta' Ottubru, 2002, kienu ghadhom f'sitwazzjoni illi jergu jitqeghdu fil-pussess jew id-ditenzjoni ta' l-oggett kif kien qabel. (Art. 535 Kodici Civili).

B’verbal tat-22 ta’ Ottubru, 2002, (Fol. 60) gie ddikjarat, fil-prezenza ta’ l-avukat ta’ l-atturi, illi dawn ta’ l-ahhar ma baqghux jirresjedu fil-fond ‘de quo’. Fil-fatt l-atturi ma dehrux aktar ghal din il-kawza wara din id-data u ghalhekk l-atturi m’ghadhomx aktar fil-posizzjoni illi jergu jitqieghdu fil-pussess ta’ l-oggett illi gie negat lilhom. Din is-sitwazzjoni tohloq kwistjoni legali illi tolqot direttament in-natura ta’ l-azzjoni, peress illi wara l-verbal fuq imsemmi tat-22 ta’ Ottubru, 2002, l-atturi ma baqalghomx aktar interess f’din il-kawza.

Fil-kawza Terence Cossey vs Mario Blackman (Vol. XLIX P 2 pagna 925) l-Qorti qalet, “L-interess ta’ l-attur fl-azzjoni jezisti meta l-attur juri li permezz ta’ l-azzjoni jista’ jipprokura xi rizultat vantaggjuz jew skop utili. Dan l-interess irid jezisti fil-mument tal-bidu tal-kawza u jrid jibqa’ jissustissi sa l-ahhar taghha.” (Ara wkoll George Laferla Et vs Joseph Lauri Et PA per TM, 2 ta’ Mejju, 2002, fejn il-Qorti qalet li l-interess guridiku li ghandu l-attur irid jibqa’ haj tul il-kawza kollha).

La l-atturi volontarjament irrilaxxjaw il-fond li abbazi tieghu kellhom il-pussess tal-kaxxa ta’ l-ittri fuq imsemmija u la ma deher hadd biex jassumi l-atti wara l-verbal tat-22 ta’ Ottubru, 2002, il-Qorti m’hijiex aktar f’posizzjoni li terga’ tqieghed lill-atturi fil-pussess jew id-ditenzjoni ta’ l-oggett kif kien qabel. F’dan l-istadju l-atturi m’ghandhom bzonn l-intervent tal-Qorti biex jigi riprestinat dritt li altrimenti kienu ser jitilfu, u ghalhekk tilfu l-interess legali li kellhom fil-bidu tal-kawza la dan ma baqax jissussisti sa l-ahhar taghha.

F’dan l-istadju l-Qorti tistaqsi: Tista tqajjem din il-kwistjoni ta’ nteress “ex-officcio”, ladarba l-konvenuti ma ssollevaw xejn?

Ikkunsidrat:

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-azzjonijiet civili, l-procedura tillimita hafna l-inizjattivi li l-Qorti tista tiehu minn rajha. Fost dawn, per ezempju, hemm il-gurisdizzjoni, fejn jekk jirrizultalha illi m’ghandhiex kompetenza jew gurisdizzjoni

biex tisma' kawza, l-Qorti tista' "ex-officcio" tqajjem din il-kwistjoni peress illi hi ta' ordni pubbliku. L-istess fil-kaz ta' Mandat in Factum fejn il-Qorti tista' "ex-officcio" tezamina r-ragunijiet ghall-hrug ta' dan il-Mandat (ara Xuereb vs Xuereb Appell 27 ta' Marzu, 2003).

Il-Qorti jidhrilha li l-interess illi wiehed jagixxi wkoll ghandu l-importanza tieghu u jista' jitqieghed fuq l-istess binarju ta' mportanza bhal gurisdizzjoni. Fil-fatt, l-interess gie deskritt bhala 'l-mizura ta' l-azzjoni' (Vol. XXXVII P.2 pagna 608) u 'l-bazi ta' l-azzjoni' (Vol. XXIX P.1 pagna 89) u ghalhekk jassumi importanza massima u determinanti ghal tkomplija ta' l-azzjoni.

Fil-fatt filwaqt li l-gurisdizzjoni jirradika l-obbligu ghas-smiegh ghall-gudikant, l-interess jirradika d-dritt ghas-smiegh ghal-litigant. Mitluf dak id-dritt, jintilef l-obbilgu ghas-smiegh u ghalhekk huwa kompitu tal-Qorti illi ggib dan il-fatt 'il quddiem meta jirrizultalha 'l-bazi ta' l-azzjoni' huwa nieqes jew inkella ntilef fil-kors tal-kawza.

Ghaldaqstant, il-Qorti jidhrilha illi la l-atturi volontarjament abbandunaw il-fond fuq imsemmi, tilfu l-interess taghhom illi jadixxu din il-Qorti ghar-ripristinazzjoni tad-dritt li ma jirrispettax aktar lilhom.

Ghal dak illi jirrigwarda l-kontro-talba tal-konvenuti, peress illi dina hija wahda ta' natura petitorja illi tippresuponi l-ezami ta' dritt ta' proprjeta', m'huwiex il-kompitu taghha li tezamina dan l-aspett tal-kawza ghaliex il-kawza kienet wahda ta' spoll azzjoni ta' natura emenentement possessorja. (Ara Auxilio Axisa vs Carmelo Axisa PA per JSP 5, ta' Ottubru, 1994) u wkoll ghaliex dana jmur kontra l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti kif spjegata bl-Artikolu 47 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u ghalhekk il-Qorti wkoll tichad din il-kontro-talba tal-konvenuti.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom."

L-atturi talbu r-revoka ta' din is-sentenza u li jigi invece deciz adezivament ghat-talba taghhom. B'aggravju jadducu illi l-ewwel Qorti ma kellhiex 'sua sponte' tissolleva l-eccezzjoni tal-karenza tal-interess fuq il-bazi tal-allontament taghhom mill-fond. Huma jilmentaw illi l-verbal (fol 60), li dwaru ma kienx hemm l-adezjoni tal-partijiet kollha, ma setghax jitqies mill-Qorti bhala fatt provat. Isostnu li f'kull kaz u fl-aghar ipotesi kellu jkun hemm temperament tal-kap tal-ispejjez.

Il-konvenuti appellati wiegbu, in succint, illi kif sewwa rriteniet l-ewwel Qorti, gjaladarba l-atturi appellanti ma kienux baqghu jabitaw fil-fond huma ma kellhomx izjed interess guridiku li jsostnu l-azzjoni taghhom u ghalhekk ir-rimedju vantat minnhom bl-"actio spolii" ma baqghax aktar disponibbli ghalihom.

Qabel approfondiment tat-tematika hawn involuta, certament wahda ta' interess guridiku valevoli, jigi qabel xejn notat illi b'verbal iehor a fol 12 l-ewwel Qorti kienet hemm issollevat minn rajjha kwestjoni tal-kompetenza taghha ghar-raguni illi l-materja kienet tinvolvi konsiderazzjoni ta' jedd maghqud ma' immobbli. Ciononostante, imbaghad, ghal ragunijiet mhux maghrufa, l-istess Qorti ma komplietx tipprosegwixxi, u tepura wkoll, dan l-aspett, anke jekk kollha precedenti li kienu juruha t-triq. Inter alia, d-decizjoni riportata a Vol XLV pII p652 li ddeterminat illi jekk in-natura ta' l-azzjoni tkun dik ta' spoll, kif inhu proprju dan il-kaz, il-Qorti Civili ta' gurisdizzjoni inferjuri ma kienetx hekk kompetenti li tiehu konjizzjoni ta' kawza bazata fuq talba konsimili. Dan proprju in vista tal-fatt illi si tratta ta' kwestjoni ta' dritt anness ma' immobili. Materja din li teccedi l-kompetenza tal-Qorti adita skond it-termini tal-Artikolu 47 (3) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili. Minn dak vizwalizzat mir-ritratti esebiti jidher li l-letter box in kontestazzjoni tista', bl-adoperu tal-principju tal-accessorjeta`, titqies immobbli fit-termini ta' l-Artikolu 308 (f) tal-Kodici Civili.

Din il-Qorti qeghda sempliciment tissenjala dan il-punt ghax mill-bqija, certament, f'dan l-istadju, din il-Qorti ta' revizjoni in kwantu Qorti ta' l-Appell ma tistax tissolleva 'ex

ufficio' l-kwestjoni tal-kompetenza. Dan in forza ta' dak dettat fil-proviso ta' l-Artikolu 774 tal-Kap 12. Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "**Anthony Fenech et -vs- Anthony Gauci et**", Appell, 9 ta' Marzu 1999.

Dak li ma sarx mill-ewwel Qorti fil-kaz tal-kompetenza gie, imbaghad, fil-kaz tan-nuqqas ta' interess guridiku sollevat minnha, kompenetrat sew fis-sentenza appellata. Dan hu proprjament il-qofol kollu tal-appell odjern interpost mill-atturi appellanti. Huma fil-fatt jikkontrastaw il-punt postulat mill-ewwel Qorti illi din setghet 'marte proprju' tissolleva l-eccezzjoni tal-karenza tal-interess u tiddeciedi dwaru. Konsegwentement huma jinvitaw lil din il-Qorti biex ma taccettax la l-postulat u lanqas il-konsiderazzjoni dwaru, sollevat, dibattut u definit mill-ewwel Qorti.

Jixraq fl-ewwel lok illi tigi registrata l-enuncjazzjoni generika tal-principju jigifieri, illi presuppost specifiku tal-azzjoni gudizzjarja – "actio nata" – hu l-interess guridiku. Dan ghaliex, kif maghruf u accettat pacifikament, ma jistax jinghad li tezisti azzjoni minghajr interess. "Il mezzo di tutelare un diritto leso o immediatamente minacciato non puo` essere esercitata senza un interesse, essendo assiomatico che l'interesse e` la misura delle azioni ed e` il motivo che giustifica l'accesso alle aule di giustizia" – "**Negte Edgardo Moore -vs- Onor. Joseph Huber**", Appell Civili, 25 ta' Mejju 1923 (**Kollez. Vol XXV pI p506**).

Gie, imbaghad, ulterjorment spjegat illi dak li jirrigwarda l-element ta' l-attwalita` tal-interess "mhuwiex bizzejjed li l-interess ikun jezisti fil-mument tal-bidu tal-kawza imma jrid ukoll jibqa' jissussisti sa l-ahhar taghha" – "**Terence Edward Crossey –vs- Mario Blackman**", Prim'Awla, Qorti Civili, 25 ta' Mejju 1965 (**Vol XLIX pII p924**), konfermata in sede appell fil-11 ta' Frar 1966 (**Vol L pI p45**). Fl-istess sens id-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tas-17 ta' Frar 1993 in re:- "**Joseph Sammut et noe –vs- Carmelo Attard**".

Evidentement dan il-kuncett hu msejjes fuq ir-ragonament illi gjaladarba d-domanda proposta f'gudizzju trid iggib lill-attur "rizultament vantagguz jew utili" (**Kollez Vol XXXVII**

**pl p56**) hu jenhtieglu li jmantni din id-domanda mill-bidu tal-iter tal-kawza sa l-ezitu taghha b'mod li jintwera minnu li l-interess jibqa' jissussisti matul id-durata shiha ta' l-azzjoni u mhux fil-bidu biss taghha. Li jfisser illi jekk l-azzjoni ma tkunx kapaci twassal ghal tali rizultat utli ghal min jipproponiha minhabba fatt sopravvenut ghall-istituzzjoni tal-kawza li jezawrixxi jew jestingwi l-interess dik l-azzjoni ma tistax tregi.

Premessi s-suesposti konsiderazzjonijiet ta' dritt in materja tal-interess guridiku l-kwestjoni centrali f'dan l-appell li tirrikjedi ezami u rizoluzzjoni tibqa' dik jekk il-Qorti adita setghetx tqajjem hi stess l-eccezzjoni tan-nuqqas tal-interess ghax fil-mori tal-gudizzju l-atturi appellanti allontanaw ruhhom mill-fond okkupat minnhom.

Fil-perkors tal-hsieb taghha din il-Qorti tibda biex taghmel dawn l-accenni gurisprudenzjali b'rilevanza ghad-domanda fokali hawn ezaminata:-

1. "Huwa principju maghruf illi l-Imhallef civili ghandu, fl-ghoti tas-sentenza f'kawza, joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illi waqt li hu obbligat jokkupa ruhu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet, minn naha l-ohra ma jistax jitratta u jirrizolvi kwestjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu, ammenokke non si tratta minn kwestjonijiet ta' ordni pubbliku li l-Imhallef hu obbligat jirrileva "ex officio" – "**Joseph Gatt –vs- Joseph Galea**", Appell Civili, 12 ta' Lulju 1965; "**Regina mart Francis Cacciottolo –vs- Francis Cacciottolo**", Appell Civili, 30 ta' Gunju 1976;

2. "Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjonijiet li m'hiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni pubbliku, altrimenti kwalunkwe kwestjoni legali tkun tista' tigi sollevata mill-Qorti, prattika din mhiex rakkomandabbli li tista' twassal ghal sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq l-eccezzjoni taghha stess" – "**Anthony Hammett noe –vs- Vincent Genovese pro et noe**", Appell Kummercjali, 31 ta' Jannar 1991;

3. “Fis-sistema gudizzjarja taghna l-Qorti m’ghandhiex tissolleva eccezzjonijiet li m’hijiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili jew minn xi konsiderazzjoni serja ta’ ordni pubbliku. Dana billi, bhala norma, il-gudikant ghandu jiddeciedi l-kawza billi joqghod fuq il-binarju tal-kontestazzjoni li jressqulu l-partijiet. Huwa r-rwol tad-difensur tal-parti u mhux tal-gudikant li jiskogita difizi u eccezzjonijiet dwar kwestjonijiet legali. Diversament il-Qorti tkun qeghda tesponi ruha ghal certi riskji ovvji meta tiddeciedi kawza fuq eccezzjoni li tissolleva hi stess, meta m’hijiex awtorizzata espressament li taghmel hekk” – “**Edwin Grech –vs- Antida Saglimbene et**”, Qorti tal-Kummerc, 9 ta’ April 1992.

Dawn l-accenni gurisprudenzjali huma aktar minn sufficjenti biex jillustraw il-punt illi mhux kull eccezzjoni tista’ titqajjem ‘ex officio’ mill-Qorti imma dawk biss espressament prevvisti mill-Kap 12, ad exemplum l-Art 774 tieghu dwar l-inkompetenza jew fejn il-kawza tkun illecita ghax ipprojbita mil-ligi jew kuntrarja ghall-eghmil xieraq jew ghall-ordni pubbliku (Art 990 tal-Kap 16).

Issa hu veru li “l-procedura hi ligi ta’ ordni pubbliku” (**Vol XLIX pI p421**) u allura l-iprem gwardjan taghha hi l-Qorti. B’danakollu gie ammonit illi “hu abbuz tal-kliem li jinghad illi, ghaliex il-ligi ta’ procedura hi ligi ta’ ordni pubbliku, ergo kull eccezzjoni ta’ procedura, anki stess meta jkun hemm lok ghaliha, ghandha tigi rilevata mill-Qorti “ex offico”” - “**Romeo Sammut –vs- Flight Lieutenant Kenneth Shaw-Brown**”, Appell Civili, 3 ta’ April 1964 (**Kollez Vol XLVIII pI p223**).

Precizat dan l-aspett issa, kif saput, il-Kodici ta’ Procedura taghna, differentement minn dak Taljan (Art 100), ma jikkontjeni l-ebda disposizzjoni li tafferma l-principju li “per proporre una domanda o per contaddire alla stessa e` necessario avervi interesse”. L-unici accenni li nsibu fejn tinsab enuncjata l-assjoma ta’ l-interess guridiku huma l-Artikolu 236, fil-kaz ta’ appell mit-terz interessat, u l-Artikolu 960, fil-kaz tal-intervjenti fil-gudizzju. Li jfisser,

skond l-Imhallef Paolo DeBono, "se l'interesse e` la condizione sine qua non per il semplice intervento, e` tale con maggior ragione per poter iniziare un giudizio" – "**Brockdorff –vs- Pace Balzan**", Qorti Kummerc, 8 ta' April 1899 (**Vol XVII pIII p15**).

Effettivament, kif drabi ohra interpretat, il-lokuzzjoni generika tal-kliem "kemm ukoll minghajr dik it-talba" kontenuta fl-Artikolu 961, Kap 12, tfisser illi s-sejha fil-kawza tista' tigi ordnata tant mill-Qorti "ex officio" kemm fuq talba li ssirilha minn terza persuna interessata – "**Anthony Grech noe –vs- Kaptan Patrick Vella**", Qorti Kummerc, 22 ta' April 1974.

Din il-proposizzjoni tittiehed il-boghod aktar minn hekk. Dan fis-sens illi gjaladarba hi wkoll prerogattiva tal-Qorti li b'digriet issejjah terza persuna "f'kull waqt tal-kawza", hekk ukoll "il decreto di chiamata in causa e` revocabile dalla stessa Corte che lo ha pronunziato anche nel corso della causa stessa" – "**Av. Filippo Nicolo` Buttigieg noe –vs- Sacerdoto Giuseppe Attard et**", Appell Civili, 22 ta' Mejju 1916 (**Vol XXIII pI p154**).

Minn dan premess jidher a prima vista illi mhux projbittiv ghall-Qorti li tissolleva hi stess il-karenza ta' l-interess fl-attur anke fil-kors tal-kawza li tkun miexja. Wiehed pero` jrid joqghod ferm attent u ma jitlefx di vista l-konsiderazzjoni illi l-kontestazzjoni hi bejn il-partijiet in kawza u allura l-Qorti ghandha tevita li tarreka pregudizzju lil xi hadd fost il-kontendenti. Dan fis-sens illi jekk il-Qorti tirrileva "sua sponte" il-mankanza jew in-nuqqas tal-interess hi ghandha mbaghad taghti l-opportunita` lil parti li taghmel is-sottomissjonijiet taghha dwarha u mhux sempliciment tqajjimha, u tiddecidiha wkoll, hi stess fil-korp tas-sentenza.

Materja bhal din kienet gja attirat l-attenzjoni tal-Qorti ta' l-Appell, kolleggjalment komposta, fil-kawza fl-ismijiet "**Ignazio Gatt –vs- Michael Debono et**", 12 ta' Dicembru 1983. A propozitu ntqal fiha illi "kien jehtieg, meta gie ikkuntrastat, li jsiru l-provi dwaru (l-interess) sabiex il-Qorti tiddeciedi, a bazi tal-provi, jekk hiex sodisfatta jew le dwar

l-ezistenza ta' dak l-interess, u iktar u iktar fil-kaz prezenti meta n-nuqqas ta' l-interess guridiku fl-attur appellant ma giex sollevat mill-konvenuti appellati imma mill-istess Qorti. L-ewwel Qorti, meta sarulha s-sottomissjonijiet mid-difensuri, imissha ordnat li jinstemghu l-provi dwar l-ezistenza o meno tal-interess guridiku li hija stess kienet qed tiddubita l-ezistenza taghha".

Fil-kaz in ezami mhux biss ma jidherx li saru provi izda lanqas sottomissjonijiet fir-rigward ta' nuqqas tal-interess guridiku. Jista' jinghad allura illi l-atturi appellanti gew sorprizi bil-fatt kompjut tas-sentenza u n-nuqqas ta' provi u dibattitu dwar il-punt sollevat mill-Qorti innifisha.

Hi l-fehma ta' din il-Qorti illi anke f'dan il-kaz ghandha tirrikollega ruhha ghar-regola generali li tqis desiderabbli illi, kompatibilment mar-regoli procedurali u d-disposizzjonijiet tal-ligi, l-incidenti kollha li jqumu fil-gudizzju, kompriz allura l-kwestjonijiet ta' l-interess guridiku jew tal-karenza tieghu, jigu diskussi u trattati, anke permezz tal-prova debita, fl-istess gudizzju u mhux sempliciment jibqghu serbati fil-"forma mentis" tal-gudikant li jkun qed jikkontempla l-eccezzjoni. Dan bl-iskop kawtelattiv li jigu skansati konflitti u pregudizzju zejjed kemm ghal xi parti fil-litigju kif ukoll fl-ahjar interess tal-gustizzja mal-partijiet.

Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti thoss li ghandha tadotta l-konsiderazzjoni zvolta fl-ahhar sentenza citata "**Ignazio Gatt –vs- Michael Debono et**". Dan fis-sens li tirrimetti lura l-process lill-ewwel Qorti biex quddiemha jsiru l-provi relativi dwar l-interess guridiku u l-kwestjoni tigi dibattuta kif jixraq, konformement mal-principji procedurali.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeciedi billi tirrevoka s-sentenza appellata u tibghat lura l-atti ta' din il-kawza lill-Qorti ta' l-ewwel grad ghas-smiegh tal-provi, trattazzjoni u eventwali decizjoni dwar il-kwestjoni ta' l-interess guridiku fl-atturi appellanti sollevata "ex offico" minn dik il-Qorti fl-istess sentenza appellata.

Fic-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jibqghu minghajr taxxa b'dan illi d-dritt tar-Registru tal-istess zewg istanzi jitbata mill-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------